**Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard**

**Rapport Annwali Amministrattiv**

**JANNAR - DIĊEMBRU 2015**

**IS-Sitt Kunsill Lokali 2012 - 2015**
**Is-Seba' Kunsill Lokali 2015 -2019**

Werrej


| | |
|---|---|
| **L-Introduzzjoni tas-Sindku** | **2** |
| **Il-Kunsill** | **3** |
| **Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill** | **6** |
| **Il-Ħidma tal-Kunsill** | **10** |
| **L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul u fin-nefqa** | **17** |


## *1.0 L-Introduzzjoni tas-Sindku*

Matul din is-sena kellna l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali. Il-ħidma tas-6 Kunsill ma waqfitx mir-ritmu ħabrieki tagħha u s-7 Kunsill daħal bi ħġaru sabiex ikompli jaħdem għas-snin li ġejjin.

Il-Kunsill dejjem qed jaħdem sabiex inkompli mexjijn 'il quddiem. Din is-sena beħsiebna nagħmlu użu mir-riżorsi kollha possibbli sabiex nedukaw lir-residenti kif nistgħu nkunu aktar sostenibbli bħala komunita' waħda speċjalment fl-aspetti soċjali, ekonomiċi kif ukoll dawk favur l-ambjent.

## *2.0 Il-Kunsill*

### 2.1 IL-KUNSILL

Il-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard, huwa magħmul minn disgħa Kunsilliera.

L-Amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabilitajiet kollha skont l-Att XV ta' l-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, hi mmexxija mis-Segretarju Eżekuttiv, bl-assistenza ta' tlett impjegati skrivani kif ukoll wieħed fil-pożizzjoni ta' *works co-ordinator* fix-xogħol tal-Uffiċċju.

**Lista ta' Responsabbiltajiet ta' kull Kunsillier fis-Sitt Kunsill**

**Sindku Stefan Cordina**
Amministrazzjoni Ġenerali, Finanzi, Ippjanar, Proġetti, Editur Rivista, Twinning, Żgħażagħ, Jum Ħ'Attard, Kultura

**Viċi Sindku Mark Anthony Spiteri**
Librerija Pubblika, Żgħażagħ, Jum Ħ'Attard, Kummerċ

**Kunsillier Raymond Azzopardi**
Edikazzjoni, Servizzi Pubbliċi

**Kunsillier Remigio Bartolo**
Fondi EU, Ġemellaġġ, Politika Soċjali, Komunikazzjoni, Relazzjonijiet Pubbliċi

**Kunsillier John P. Bonnici**
Ordni Pubbliku, Immaniġġjar tat-Traffiku, Sport, Attivitajiet Kulturali

**Kunsillier Gerald Borg**
Indafa, Ambjent

**Kunsillier Ralph Cassar**
Wirt Storiku, Turiżmu, Taħriġ għall-Impieg, Trasport Pubbliku, Mobilita'

**Kunsillier Dr Chev. Herbert Messina Ferrante**
Anzjani, Saħħa, Residenti Barranin, Fondi EU, Assistent Fuljett

**Kunsillier Alfred Zammit**
Ġonna Pubbliċi, Dawl tat-Toroq

**Lista ta' Responsabbiltajiet ta' kull Kunsillier fis-Seba' Kunsill**

**Sindku Stefan Cordina**
Amministrazzjoni Ġenerali, Finanzi, Ippjanar, Proġetti, Editur Rivista, Twinning, Żgħażagħ, Anzjani, Jum Ħ'Attard, Kultura, Infrastruttura, Żoni u Ambjent

**Viċi Sindku Mark Anthony Spiteri**
Librerija Pubblika, Żgħażagħ, Jum Ħ'Attard, Politika Soċjali, Twinning

**Kunsillier Marisa Abela**
Kummerċ, Komunikazzjoni, Relazzjonijiet Pubbliċi

**Kunsillier Connie Scerri**
Ambjent, Rispett għall-annimali, Assistent f'Jum Ħ'Attard

**Kunsillier Alexander Mangion**
Edukazzjoni, Residenti Barranin, Fondi EU

**Kunsillier John Debono**
Immaniġġjar tat-Traffiku, Taħriġ fix-xogħolijiet, Sport

**Kunsillier Alfred Zammit**
Indafa, Ġonna Pubbliċi, Dawl tat-toroq

**Kunsillier Raymond Azzopardi**
Servizzi Pubbliċi, Saħħa

**Kunsillier Ralph Cassar**
Wirt Storiku, Turiżmu, Librerija Pubblika, Mobbilta, Fondi EU

## 2.2 PARTEĊIPAZZJONI FIL-LAQGĦAT TAL-KUNSILL

Bejn l-1 ta' Jannar 2015 sa 30 t'April 2015 fis-sitt' leġislatura inżammu erba' (4) (13) laqgħat, u l-attendenza kienet hekk:

| | KUNSILLIERA | LAQGĦAT | PREŻENTI | SKUŻAT/A | ASSENTI | % |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Stefan Cordina | 4 | 4 | 0 | 0 | 100% |
| 2 | Mark Anthony Spiteri | 4 | 4 | 0 | 0 | 100% |
| 3 | Raymond Azzopardi | 4 | 4 | 0 | 0 | 100% |
| 4 | Remigio Bartolo | 4 | 4 | 0 | 0 | 100% |
| 5 | John P Bonnici | 4 | 4 | 0 | 0 | 100% |
| 6 | Gerald Borg | 4 | 3 | 1 | 0 | 75% |
| 7 | Ralph Cassar | 4 | 4 | 0 | 0 | 100% |
| 8 | Dr Chev H Messina Ferrante | 4 | 2 | 2 | 0 | 50% |
| 9 | Alfred Zammit | 4 | 4 | 0 | 0 | 100% |

Bejn l-1 ta' Mejju 2015 sa 31 ta' Diċembru 2015 fis-seba' legislatura inżammu disa' (9) laqgħat, u l-attendenza kienet hekk:

| | KUNSILLIERA | LAQGĦAT | PREŻENTI | SKUŻAT/A | ASSENTI | % |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Stefan Cordina | 9 | 9 | 0 | 0 | 100% |
| 2 | Mark Anthony Spiteri | 9 | 8 | 1 | 0 | 89% |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 3 | Ralph Cassar | 9 | 9 | 0 | 0 | 100% |
| 4 | Alexander Mangion | 9 | 8 | 1 | 0 | 89% |
| 5 | Marisa Abela | 9 | 8 | 1 | 0 | 89% |
| 6 | Connie Scerri | 9 | 9 | 0 | 0 | 100% |
| 7 | John Debono | 9 | 8 | 1 | 0 | 89% |
| 8 | Alfred Zammit | 9 | 9 | 0 | 0 | 100% |
| 9 | Raymond Azzopardi | 9 | 9 | 0 | 0 | 100% |

## 2.3 L-AMMINISTRAZZJONI TAL-KUNSILL:

Matul din is-sena wkoll l-Amministrazzjoni tal-Kunsill taħt it-tmexxija tas-Segretarju Eżekuttiv kienet komposta hekk:

| | |
|---|---|
| Marica Mifsud | Kap Eżekuttiv, Amministrattiv u Finanzjarju |
| Yanica Sammut | Assistent Prinċipal (Amministrazzjoni) |
| Katya Ann Cassola | Skrivana (Amministrazzjoni) (sa Frar) |
| Karen Fsadni | Skrivana (Amministrazzjoni) (minn Marzu) |
| Julie Cachia | Skrivana (Amministrazzjoni) |
| Philip Caruana | Works Co-ordinator (Xogħolijiet fuq barra) |

**Matul din is-sena l-Ħaddiema ssekondati mal-Kunsill kienu:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Frankie Attard | Industrial Project Services Ltd – ex Tarzna/Shipbuilding |
| Is-Sur John C Vella | Industrial Project Services Ltd – ex Tarzna/Shipbuilding |
| Is-Sur Martin Fenech | Industrial Project Services Ltd – ex Tarzna/Shipbuilding |

**Il-Konsulenti tal-Kunsill:**

| | |
|---|---|
| Servizz Legali lill-Kunsill | L-Avukat Matthew Bondin LLD |
| Servizz ta' Perit | Il-Perit Dieter Falzon A&CE |

Matul din is-sena wkoll, permezz tal-iskema mħaddma mill-ETC, komplew isiru xogħolijiet permezz ta' ħaddiem li ġie mqabbad jagħmel xogħol ta' *maintenance* ta' diversi ġonna u postijiet. Kif ukoll, żewġt ħaddiema minn din l-iskema kienu assenjati fuq xogħol amministrattiv.

Dawn in-nies huma l-qafas u l-operaturi tal-Kunsill Lokali. Grazzi għalihom li l-Kunsill jibqa' jagħmel passi 'l quddiem f'ħidmietu. Inħossni kburija li għandi dan it-*team* sabiex naħdem u nattwa dak li l-Kunsill japprova għall-ġid tal-lokalita' kollha.

## *3.0 Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill*

## 3.1 IL-FINANZI TAL-KUNSILL

| | |
|---|---|
| L-Allokazzjoni annwali għas-sena 2015 kienet ta': | €594,869 |
| Dħul ieħor mill-Gvern | €59,875 |
| **Dħul minn Bye-laws ta' €4,081** | |
| Bye-Laws - *Advertising on Street Furniture* | € 4,081 |
| **Dħul minn Kontravvenzjonijiet ta' €6,889** | |
| Dħul mill-LES Joint Committee | €116 |
| Id-Dħul minn kontravvenzjonijiet/ Aministration fees | € 6,773 |
| **Interessi** | € 0 |
| **Id-Dħul minn attivitajiet oħra li jidher taħt Dħul Ġenerali ta' €30,255** | |
| Kontribuzzjonijiet | €943 |
| Sale of books and other mechandise | €63 |
| Dħul Ġenerali | € 700 |
| Dokumenti/ u *Information Charges* | € 480 |
| Dħul mill-*Media* | € 93 |
| Donazzjonijiet | € 701 |
| Refużjoni | €12,796 |
| Insurance Claims | € 0 |
| Dħul minn Permessi | € 14,479 |
| **Id-Dħul totali għas-sena 2015 kien ta'** | **€ 695,969** |

**L-INFIQ**

| | |
|---|---|
| **Is-Salarji b'total ta' €141,880 kienu mqassma hekk:** | |
| Onorarja tas-Sindku | € 10,572 |
| Onorarja tal-Kunsilliera | € 11,200 |
| Salarju Segretarju Eżekuttiv | € 31,774 |
| Salarji ta' l-impjegati | € 79,228 |
| Kontribuzzjonijiet *Social Security* | € 9,106 |
| **Tiswijiet u manutenzjoni b'total ta' €26,201** | |
| Propjeta' Pubblika | € 8,254 |
| Toroq u Bankini | € 7,104 |
| Sinjali u Tabelli tat-traffiku | €6,861 |
| Marki tat-traffiku | € 3,252 |
| *Office Furniture & Equipment* | € 560 |
| *Għodda* | € 20 |
| *Manutenzjonijiet oħra* | € 150 |

**L-Ispejjeż għas-Servizzi b' Kuntratt laħħqu total ta' €348,126**

| | |
|---|---|
| Waste Disposal | € 74,435 |
| Ġbir ta' Skart | € 111,620 |
| Ġbir ta' *Bulky Refuse* | € 8,985 |
| Kiri ta' *Skips* | € 59 |
| Bring-in Sites | € 419 |
| Knis u tindif ta' Toroq | € 74,758 |
| *Clean. & Maint Non-Urban* | €4,911 |
| *Cleaning Public Conveniences* | € 5,114 |
| *Cleaning Services* | €378 |
| *Other Contractual Service* | € 0 |
| *Clean. & Main. Parks & Gardens* | € 57,513 |
| *Street Lighting* | € 6,640 |
| *Studies & Consultations* | € 2,087 |
| *Local Enforcement Expenses* | € 1,207 |

**Dan huwa total ta' *Operations and Maintenance* ta'** **€ 374,327**

**Amministrazzjoni u spejjeż oħra €187,834**

| | |
|---|---|
| Dawl, ilma, telefon,etc. | € 10,294 |
| Tiswijiet u manutenzjoni oħra | € 4,632 |
| Kera | € 116 |
| Sħubija f'Assoċjazzjonijiet Nazzjonali u Nternazzjonali | € 312 |
| Spejjeż għat-tmexxija ta' l-Uffiċċju | € 25,252 |
| Spejjeż ta' Trasport għall-attivitajiet u xogħol | € 6,438 |
| Vjaġġar | € 0 |
| Spejjeż għall-Informazzjoni għall-Pubbliku | € 5,908 |
| *Insurance Cover* | € 3,208 |
| *Bank Charges* | € 150 |
| *Is-Servizzi Professjonali* | € 22,905 |
| *Training* | € 410 |
| *Entertainment* | € 1,941 |
| *Lease* | € 377 |
| *Other Hospitality Costs* | € 466 |
| *Social Events* | € 4,549 |
| *Cultural Events* | € 9,195 |
| *Community Services* | € 51 |
| Donazzjonijiet | € 200 |
| Delegazzjonijiet Barranin | €2,809 |
| *Bad debts written off* | € 34 |
| *Depreciation* | € 88,587 |

**L-Infiq Totali għas-sena 2015 kien** **€ 562,161**

## *3.0 Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill (ikompli)*

## 3.2 IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL

Bħas-snin ta' qabel, din is-sena l-Kunsill kompla joffri diversi servizzi lir-residenti kollha tar-raħal.

### Korsijiet

Ġew organizzat korsijiet tal-Lifelong Learning ġewwa l-iskola Primarja Tumas Dingli, Kulleġġ San Nikola. Fost dawn il-korsijiet kienu; Fotografija, Spanjol, *Health, Wellbeing and Successful Ageing, Setting up a business* kif ukoll *Maltese sign language*.

Għal din is-sena wkoll komplejna noffru korsijiet tal-kompjuter fejn reġgħu ġew offruti korsijiet għall-adulti bħall-**IlearnIT.**

### 10K Road Race

Bħal kull sena, l-Attard Athletics Club flimkien mal-Kunsill Lokali Ħ'Attard, organizza tellieqa fi Frar. Dejjem jieħdu sehem numru konsiderevoli t'atleti saħansitra n-numru dejjem ikun aktar minn dak tas-sena ta' qabel.

### Saħħa

Il-Kunsill reġa' żamm is-servizz li tingħata t-titqiba ta' kontra l-influwenza ġewwa r-raħal stess minflok mar-residenti jitilgħu fil-klinika tal-Gvern tar-Rabat.

Kienu madwar 259 persuna li ħadu t-tilqima ġewwa r-raħal minflok r-Rabat.

### Il-ħarsien soċjali

Attivitajiet għall-anzjani jsiru regolarment kull xahar. Il-Kunsill dejjem ħadem id f'id mal-organizzaturi li jieħdu ħsieb il-grupp tas-60+ u pprovda trasport kif ukoll ikel li ġie servut matul dawn l-istess attivitajiet.

### Fil-qasam tal-persuni b'dizabbilita'

Il-ħidma tal-Kunsill dejjem tibqa' għaddejja u dana sabiex nisguraw ruħna li kull post huwa aċċessibbli għal kulħadd. Il-proġett li jmiss huwa li nsibu uffiċini ġodda ħalli b'hekk ikollna post adattat u aċċessibli. Residenti jkunu jistgħu jinqdew b'aktar kumdita minħabba li l-post preżenti huwa restritt ħafna.

### Immaniġġjar tat-Traffiku

Laqgħat mal-uffiċċjali minn Transport Malta kienu jinżammu regolari sabiex talbiet pendenti li jkollu l-Kunsill jiġu konklużi fl-iqsar żmien possibbli.

## Kultura u Ambjent

L-Ambjent huwa aspett importanti ħafna għalina. Dejjem ngħatu prijorita' lit-tisbiħ u l-manutenzjoni tar-raħal sabiex ikolna ambjent aħjar. Din is-sena l-Kunsill iffoka fuq manutenzjoni tal-ġonna kif ukoll bankini. Inżebgħu ukoll ir-*roundabouts* u fl-istaġun inżergħu pjanti u fjuri.

Ġew installati wkoll diversi *doggy bins* għall-użu ta' min ikun qed jippassiġġa bil-kelb tiegħu. Ħadd ma jieħu gost jgħix f'ambjent maħmuġ u għaldaqstant miżuri bħal dawn dejjem jinkoraġixxu lill-individwi sabiex jagħmlu użu tajjeb minnhom.

Saret ukoll il-ġabra ta' tessuti u mowbajls flimkien ma' Refab. Din il-ġabra saret għal diversi drabi matul is-sena.

## Separazzjoni tal-Iskart

Il-Kunsill Lokali dejjem iħeġġeġ lir-residenti kollha sabiex jisseparaw l-iskart. Għal din is-sena wkoll erġajna ppubblikajna kalendarju fejn juri ġurnata b'ġurnata x'tip ta' skart għandu jinħareġ biex b'hekk innaqqsu l-abbuż li jinħareġ skart fil-ġurnata l-ħażina.

Ġiet organizzata wkoll l-EkoFesta. Inizzjattiva sabiex inħeġġu lil kull min ikun armat ibigħ ikel u xorb waqt il-festa jirriċikla l-iskart li jiġi ġġenerat waqt l-istess attivita'.

Din is-sena l-Kunsill Lokali flimkien ma' Greenpak organizzajna kompetizzjoni għat-tfal tal-iSkola Primarja Tumas Dingli fejn riedu jagħmlu tpenġija favur l-ambjent jew mudell b'affarijiet li jistgħu jiġu riċiklati. Il-konkorrenza kienet waħda sabiħa u fl-aħħar it-tfal ġew preżentati b'ċertifikati kif ukoll mementos. Ir-rebbieħa ta' din il-kompetizzjoni ġew preżentati wkoll b'kotba.

## Unuri

Din is-sena l-Kunsill ukoll ħa unur waqt is-serata organizzata mill-Greenpak. Bi pjaċir inħabbru li konna l-aktar Kunsill li kkopera f'inizjattivi favur l-Ambjent flimkien mal-kumpanija Greenpak.

## Turiżmu

Il-lokalita ta' Ħ'Attard permezz tal-Kunsill laqgħat għall-ewwel darba delegazzjoni minn Elancourt fi Franza. Dan sar sabiex issir intorduzzjoni għall-proġett ta' Ġemellaġġ bejn il-Kunsill tagħna u l-Kunsill ġewwa Elancourt.

## Wirt Storiku

Il-Kunsill Lokali qed jaħdem sabiex insibu fondi li ser jintużaw għar-restawr tal-Embankement kif ukoll jinbena mill-ġdid l-istazzjon tal-Ferrovija fejn mbagħad jintuża bħala Librerija Pubblika.

## 3.3 ORGANIZAZZJONI

L-Organizzazzjoni tal-Kunsill hija msejsa fuq din l-istruttura:

Is-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsillieri. Jeħtieġ li din il-ħidma tikber aktar u joħroġ aktar l-involviment f'dan il-qasam, bil-parteċipazzjoni tal-istess kunsilliera.

L-Uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv li tiġbor fiha s-Sezzjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti, s-Sezzjoni Finanzi u l-Akkwist ta' Servizzi, u s-Sezzjoni Amministrazzjoni u Riżorsi Umani. Għalkemm din l-istruttura tippermetti li l-Kunsill ikun jista' jattwa bi prattiċita' l-ħidma tiegħu, irid ikun rikonoxxut li din ssib l-aħjar sistemi bejn l-istruttura organizzativa fis-settur privat u dik fis-settur pubbliku.

Ir-rwoli ta' kull min hu nvolut fil-Kunsill, mis-Sindku u l-Kunsilliera 'l isfel, għandu dejjem ikun definit u miftiehem, fejn is-Sindku u l-Kunsillieri bħala *policy makers* imexxu u jiddeċiedu l-pjani ta' ħidma tagħhom għal-lokalita', u minn hemm l-Amministrattur, is-Segretarju Eżekuttiv, permezz tal-Uffiċċju tiegħu, jeżegwixxi dawk il-*policies* u d-deċiżjonijiet kollha maqbula mill-Kunsill, bl-aħjar mod possibbli, dejjem skont kif jippermettu l-istess finanzi u fl-aqsar żmien mingħajr indħil tal-Kunsilliera.

L-objettivi tal-Kunsill huma mibnija fuq żewġ sisien prinċipali – l-aħjar valur għall-flus f'dak kollu li jitwettaq mill-Kunsill u sabiex b'ekonomija, b'effiċjenza u b'effettivita' l-Kunsill ikollu l-aħjar paragun ta' spiża possibbli.

L-istruttura mħaddna fuq dawn il-kunċetti għandha wkoll tiggarantixxi *feedback* kontinwu f'kull settur inkluż il-klijent, li fil-każ ta' gvern lokali mhu ħadd għajr iċ-ċittadin tal-lokalita'.

## IMPJEGATI TAL-KUNSILL

L-Istaff kollu tal-Kunsill iwettaq b'ħidma kontinwa r-responsabbiltajiet kollha tal-Kunsill u huwa mpossibbli li wieħed jelenka bid-dettalji kollha l-ħidma li jwettqu l-istaff tal-Kunsill. Ix-xogħol meħtieġ sabiex jirnexxu kemm il-laqgħat, kif ukoll kull xogħol ieħor tal-Kunsill f'Ħ'Attard, ħafna drabi jieħu ħafna xogħol moħbi, xogħol li jkun mibni, ppreparat u jitlesta mill-impjegati tal-Kunsill.

Ta' dan nirringrazzja l-ħidma bla waqfien li dejjem jagħtu l-impjegati kollha tal-Kunsill, ħafna drabi b'xogħol ukoll barra mill-ħin normali, u dan kollu jagħmel is-suċċess kbir li l-Kunsill Ħ'Attard qed jikseb tul dawn is-snin tal-ħidma tiegħu.

Illum l-impjegati tal-Kunsill kapaċi jmexxu l-Uffiċċju b'effiċjenza mill-aqwa, u kapaċi jaħdmu meta jingħataw ir-responsabbilta` kollha. Bħas-sena l-oħra erġajt ipproponejt li l-impjegati għandhom jingħataw il-*performance bonus* kollu, u l-Kunsill approva dan għax ressaqt *performance appraisal* ta' kull impjegat fejn kienet analizzata l-ħidma ta' kull impjegat fil-Kunsill u ġew imkejla t-*targets* li tpoġġew kif ukoll tressqu *targets* ġodda għas-sena li ġejja, fejn l-enfażi sejra terġa' tkun fil-ħidma ta' kuljum, bejn xulxin, f'uffiċċju dejjem aktar effiċjenti.

B'uffiċċju effiċjenti rridu nifhmu li kulħadd ikun jaf dak li qed isir u għaliex! Li kulħadd ikun responsabbli fix-xogħol li jagħmel ta' *team*, għaliex b'team t' impjegati mġedded u msaħħaħ, fejn hemm stħarriġ fil-ħidma ta' kuljum, u

kulħadd jaf sewwa x'għandu jagħmel, jiena ċerta li kapaċi nagħtu l-aħjar servizz lir-residenti kollha mill-uffiċini tal-Kunsill.

## 3.4 KONKLUŻJONI

Din hija fil-qosor il-ħidma tal-Kunsill ta' Ħ'Attard għal din is-sena 2015. Ta' min jinnota li matul is-sena, saru ħafna u ħafna aktar interventi u xogħolijiet mill-impjegati tal-Kunsill u mis-Segretarju Eżekuttiv li ma nkludejthomx f'dan ir-rapport.

Dan kollu għen sabiex il-Kunsill jagħti l-aħjar servizz, għaliex l-għan tal-Kunsill huwa li jagħti l-aqwa servizz lir-residenti, u dan ġie applikat u mħaddem b'mod mill-aktar konsistenti u se jibqa' jitħaddem bl-aħjar mod 'l quddiem.

**Marica Mifsud**
**Segretarju Eżekuttiv**

## *Statement of income and expenditure (*Siltiet mill-*Annual Audit Report)*

## L-Iskeda ta' Varjazzjonijiet fid-Dħul u fin-Nefqa

**Statement of Income and Expenditure**

| | 2015 | 2014 |
|---|---|---|
| | € | € |
| **Income** | | |
| Funds received from Central Government | 654,744 | 677,367 |
| Income raised under Local Council Bye-Laws | 4,081 | 3,726 |
| Income raised under Local Enforcement System | 6,889 | 5,622 |
| General Income | 30,255 | 35,276 |
| | **695,969** | **721,991** |
| **Expenditure** | | |
| Personal Emoluments | (141,880) | (135,114) |
| Operations and maintenance | (374,327) | (396,275) |
| Administration and other Expenditure | (187,834) | (173,135) |
| | **(704,041)** | **(704,524)** |
| **Operating surplus for the year / period** | **(8,072)** | **17,467** |
| Finance Income | 98 | 86 |
| | (7,974) | 17,553 |
| Loss on sale of assets | (564) | (3,917) |
| **Loss for the year** | **(8,538)** | **13,636** |

## *Statement of Affairs* (Siltiet mill-*Annual Audit Report)*

| Statement of Affairs | 2015 | 2014 |
|---|---|---|
| | € | € |
| **ASSETS** | | |
| **Non-Current Assets** | | |
| Property, plant and equipment | 822,065 | 809,088 |
| | **822,065** | **809,088** |
| **Current Assets** | | |
| Inventories | 10,057 | 10,122 |
| Receivables | 55,727 | 92,961 |
| Cash and cash equivalents | 74,762 | 48,595 |
| | **140,546** | **151,678** |
| **Total Assets** | **962,611** | **960,766** |
| **RESERVES AND LIABILITIES** | | |
| **Reserves** | | |
| Retained earnings | 489,438 | 497,976 |
| **Total Equity** | **489,438** | **497,976** |
| **Non-currrent Liabilities** | | |
| Deferred Income | 336,506 | 271,472 |
| | **336,506** | **271,472** |
| **Current Liabilities** | | |
| Payables | 136,667 | 191,318 |
| | **136,667** | **191,318** |
| **Total Liabilities** | **473,173** | **462,790** |
| Total reserves and liabilities | **962,611** | **960,766** |

## ***Statement of Changes in Equity (*****Siltiet mill-*****Annual Audit Report)***

**Statement of Changes in Equity**

| | Retained Funds € | Total € |
|---|---|---|
| **At 1 January 2014** | 484,340 | 484,340 |
| Loss for the year | 13,636 | 13,636 |
| **At 31 December 2014** | 497,976 | 497,976 |
| | | |
| **At 1 January 2015** | 497,976 | 497,976 |
| Loss for the year | (8,538) | (8,538) |
| **At 31 December 2015** | **489,438** | **489,438** |

## ***Cash Flow Statement (*****Siltiet mill-*****Annual Audit Report)***

**Statement of Cash Flows**

| | 2015 | | 2014 | |
|---|---|---|---|---|
| | € | € | € | € |
| **Net loss for the year** | (8,538) | | 13,636 | |
| Reconciliation to cash generated from operations | | | | |
| Depreciation | 88,587 | | 86,349 | |
| Loss on disposal of assets | 565 | | 3,917 | |
| Adjustments for Tangible Assets reclassifications | 177 | | 0 | |
| Bad debts written off | 34 | | 0 | |
| Interest receivable | (98) | | (86) | |
| Operating profit before working capital changes | **80,727** | | **103,816** | |
| Decrease in inventories | 65 | | 69 | |
| Decrease in receivables | 2,260 | | 201 | |
| (Increase)/decrease in other receivables | 816 | | 5,168 | |
| (Decrease) in payables | (29,302) | | (111,745) | |
| (Decrease) in other payables | (33,758) | | (15,620) | |
| Government grant released | (29,195) | | (18,610) | |
| Cash generated from operating activities | | (8,387) | | (36,721) |
| **Cash flow from investing activities** | | | | |
| Interest received | **98** | | 86 | |
| Purchase of property, plant & equipment | **(102,306)** | | (46,032) | |
| Receipt of grant | **136,762** | | 129,596 | |
| Cash generated in investing activities | | **34,554** | | 83,650 |
| **Net Decrease in cash in the year** | | **26,167** | | 46,929 |
| Cash and equivalents at beginning of year | | **48,595** | | 1,666 |
| **Cash and equivalents at end of year** | | **74,762** | | **48,595** |